MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 55/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charmaine Zerafa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charmaine Zerafa talli fix-xahar ta' Mejju 2008 u x-xhur ta' qabel go fond 338, 'Clover Land' Triq it-Torri Mosta qalet kliem malafamanti fil-konfront ta' Steve Zerafa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Charmaine Zerafa hatja ta' l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatha xahar prigunerija sospiza ghal sena ai termini ta' l-artiolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Charmaine Zerafa pprezentat fis-26 ta' Frar 2009 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull piena, u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliggi piena inqas severa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li fis-seduta tallum l-appellanti skuzat ruhha mal-*parte civile* ghal dak kollu li bih setghet weggghetu;
Rat illi l-*parte civile* in vista ta' l-apologija registrata rtira l-kwerela;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara l-procediment kontra l-appellanti Charmaine Zerafa ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------